*EDIZZJONI STRAORDINARJA*
*EXTRAORDINARY EDITION*

REPUBBLIKA TA' MALTA

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

13,206] It-Tnejn, 5 ta' April, 1976 / *Monday, 5th April, 1976* Prezz 8m / *Price 8m*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 152]

### PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. IX ta' l-1976 imsejjaħ l-Att ta' l-1976 dwar il-Ħabs.

Il-5 ta' April, 1976

[Nru. 153]

### BORD DWAR IL-LUKANDI U L-ISTABBILIMENTI LI JIPPROVDU IKEL

**Klassifika ta' Stabbiliment li Jipprovdi Ikel**

MINĦABBA u għall-finijiet tas-sub-artikolu (2B) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, ngħarrfu illi l-istabbiliment li jipprovdi ikel, hawn taħt imsemmi, ġie klassifikat, għall-ewwel darba, kif ġej:—

Fit-TIELET klassi
L-istabbiliment li jipprovdi ikel

## GOVERNMENT NOTICES

[No. 152]

### PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. IX of 1976 entitled the Prisons Act, 1976.

5th April, 1976

[No. 153]

### HOTELS AND CATERING ESTABLISHMENTS BOARD

**Classification of Catering Establishment**

PURSUANT to and for the purposes of subsection (2B) of section 9 of the Hotels and Catering Establishments Act, 1967, it is hereby notified that the undermentioned catering establishment has been classified, for the first time, as follows:—

In the THIRD class
The catering establishment

COACH AND HORSES

L-imsemmi stabbiliment li jipprovdi ikel ġie mogħti l-klassi speċifikata, u ngħata liċenza mill-Bord dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, b'seħħ mis-sena 1976, skond l-artikolu 4 ta' l-Att u r-regolamenti tiegħu.

Il-5 ta' April, 1976.
(HCEB/4/69/II — CE. 87)

The said catering establishment has been assigned the class specified, and has been licensed by the Hotels and Catering Establishments Board, with effect from the year 1976, in accordance with section 4 of the Act and the regulations thereto.

5th April, 1976.

---

## BORD TAL-GVERN MALTI GĦAT-TURIŻMU

### Lista ta' Travel u Estate Agents

Il-Bord tal-Gvern Malti għat-Turiżmu għandu l-ħsieb li jistampa lista ta' aġenti ta' l-ivvjaġġar li jipprovdu *furnished accommodation* u lista ta' *estate agents* kif distinti minn aġenti tad-djar (sensara).

Dawn il-listi huma maħsuba għat-tqassim lil *holiday makers* prospettivi.

Dawk l-Aġenti li jixtiequ li jkunu inklużi f'dawn il-listi għandhom jibagħtu d-dettalji li ġejjin liċ-*Chairman*, Bord tal-Gvern Malti għat-Turiżmu, Il-Palazz, Valletta, biex jaslulu mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, is-27 ta' April, 1976.

(a) Isem id-Ditta
(b) L-Indirizz Sħiħ
(ċ) Isem il-*Manager*
(d) Numru tat-*Telephone* (wieħed biss)
(e) Indirizz tal-*Cable*
(f) Numru tat-*Telex*

Kull applikazzjoni li tiġi mibgħuta trid tkun iffirmata mill-*manager* ta' l-aġenzija konċernata u jrid jiġi indikat ċar jekk l-aġenzija hijiex biss aġenzija ta' l-ivvjaġġar li tipprovdi *furnished accommodation* u/jew *estate agency*.

Dawk l-aġenti li fil-passat bagħtu dan it-tagħrif lill-Bord tat-Turiżmu għandhom jerġgħu jibagħtuh.

Il-5 ta' April, 1976.

## MALTA GOVERNMENT TOURIST BOARD

### List of Travel and Estate Agents

The Malta Government Tourist Board plans to print a list of travel agents providing furnished accommodation and a list of estate agents as distinct from house agents (sensara).

These lists are intended for distribution to prospective holiday makers.

Those agents who wish to be included in these lists should send in the following details to the Chairman, Malta Government Tourist Board, The Palace, Valletta, to reach him not later than Tuesday, 27th April, 1976.

(a) Name of Firm
(b) Full Postal Address
(c) Name of Manager
(d) Telephone Number (one only)
(e) Cable Address
(f) Telex Number

Each entry submitted must be signed by the manager of the agency concerned and must indicate clearly if the agency is only a travel agency providing furnished accommodation and/or an estate agency.

Those agents who in the past had submitted this information to the Tourist Board should do so again.

5th April, 1976.

# AVVIŻI TAL-QORTI — COURT NOTICES

[150]

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 293A tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'degriet tat-18 ta' Marzu, 1976, ordnat il-korrezzjoni ta' l-ATT TA' TWELID ta' Rita Farrugia li ġġib in-numru 3054 tas-sena 1911 fis-sens illi fil-kolonna intestata "Tagħrif dwar l-omm, isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" — il-kliem Matthias Agius jiġu sostitwiti għall-kliem Matteo Zammit.

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, il-lum, 18 ta' Marzu, 1976.

J. V. Borg,
**Reġistratur.**

*Translation*

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 293A of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 18th day of March, 1976, ordered the correction of the ACT OF BIRTH of Rita Farrugia bearing number 3054 of the year 1911 in the sense that in the column entitled "Particulars respecting the mother, name and surname of the father, and whether living or dead" — the words Matthias Agius be substituted for the words Matteo Zammit.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts, this 18th day of March, 1976.

J. V. Borg,
**Registrar.**

[151]

B'DIGRIET mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fl-24 ta' Marzu, 1976, fuq rikors tal-Maġġur JOSEPH BARTOLO PARNIS MBE., ED., noè ġie ffissat il-jum tas-27 ta' April, 1976, mid-9,00 a.m. il-quddiem, għal-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fil-Post 208/5, St Ursola Street, Valletta, ta' (1) Television Set "BUSH" (2) Sufan żewġ pultruni u żewġ banketti, maqbudin mingħand Anthony Pace b'mandat maħruġ fil-21 ta' Lulju, 1975.

Reġistru tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, il-lum, 25 ta' Marzu, 1976.

J. V. Borg,
**Reġistratur.**

*Translation*

BY DECREE given on the 24th March, 1976, on the application of Major JOSEPH BARTOLO PARNIS MBE., ED., nomine, the Civil Court of Magistrates of Judicial Police for the Island of Malta has fixed the day of 27th April, 1976, from 9.00 a.m onwards for the SALE BY AUCTON to be held in 208/5, St Ursola Street, Valletta, of (1) Television Set "BUSH" (2) Sofa, two armchairs and two stools, seized from the possession of Anthony Pace by a warrant issued on the 21st July, 1975.

Registry of the Civil Courts of Magistrates of Judicial Police for the Island of Malta, this 25th day of March, 1976.

J. V. Borg,
Registrar.

---

## L-UNIVERSITA' TA' MALTA

### Dħul f'Korsijiet li Jwasslu għal Grad u Diploma — Ottubru 1976

Ir-Reġistratur jilqa' applikazzjonijiet għal dħul ta' studenti gradwati fil-korsijiet li ġejjin:

*Master of Philosophy* (M.Phil.)
*Master of Architecture* (M.Arch.)
*Master of Arts* (M.A.)
*Master of Science* (M.Sc.)

2. Jintlaqgħu wkoll applikazzjonijiet għad-dħul ta' *undergraduate students* fil-korsijiet li ġejjin u li se jibdew f'Ottubru, 1976: —

(a) *Korsijiet li Jwasslu Għal Grad*
Baċellier tat-Teoloġija Sagra — (B.S.Th.)

## THE UNIVERSITY OF MALTA

### Admission to Degree and Diploma Courses — October 1976

The Registrar will receive applications for admission of graduate students to the following courses:

Master of Philosophy (M.Phil.)
Master of Architecture (M.Arch.)
Master of Arts (M.A.)
Master of Science (M.Sc.)

2. Applications will also be received for admission of undergraduate students to the following courses starting in October, 1976: —

(a) *Degree Courses*
Bachelor of Sacred Theology — (B.S.Th.)

*Doctor of Laws* — (LL.D.)
*Doctor of Medicine and Surgery* — (M.D.)
Baċellier tal-Farmaċija — (B.Pharm.)
Baċellier ta' l-Inġinerija u Arkitettura — (B.E.&A.)
Baċellier tax-Xjenza (Inġinerija) — (B.Sc. Eng.) (Mekkanika u Elettrika)
Baċellier tal-Kirurġija Dentali — (B.Ch.D.)
Baċellier ta' l-Arti (Unuri) — B.A. (Hons.)
Baċellier ta' l-Arti (Ġenerali) — B.A. (Gen.)
Baċellier tax-Xjenza — B.Sc. (Gen.)

(b) *Kors li Jwassal għal Diploma*

Diploma ta' Nutar Pubbliku — (N.P.)

3. Il-Korsijiet ta' l-*undergraduates* huma miftuħa għal kandidati li, sa l-1 ta' Ottubru, 1976, ikunu eliġibbli biex jirreġistraw bħala studenti matrikolati skond ir-Regolamenti għal Dħul ta' Studenti u li jkunu issodisfaw il-ħtiġiet tal-kors kif applikabbli għall-korsijiet diversi.

4. Il-formoli ta' l-applikazzjoni u kopji tar-Regolamenti li jiggvernaw id-Dħul ta' Studenti u l-Korsijiet ta' l-Università jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċji ta' l-Università fl-Imsida.

5. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (żewġ kopji) għandhom jintbagħtu lura sa nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Mejju, 1976.

Uffiċċju ta' l-Università,
L-Imsida, il-25 ta' Marzu, 1976.

Doctor of Laws — (LL.D.)
Doctor of Medicine and Surgery — (M.D.)
Bachelor of Pharmacy — (B.Pharm.)
Bachelor of Engineering and Architecture — (B.E.&A.)
Bachelor of Science (Engineering) — (B.Sc.Eng.) (Mechanical and Electrical)
Bachelor of Dental Surgery — (B.Ch.D.)
Bachelor of Arts (Honours) — B.A. (Hons.)
Bachelor of Arts (General) — B.A. (Gen.)
Bachelor of Science — B.Sc.(Gen.)

(b) *Diploma Course*

Diploma of Notary Public — (N.P.)

3. The undergraduate Courses are open to candidates who, by 1st October, 1976, will be eligible to register as matriculated students in terms of the Admission Regulations and who will have satisfied the Course Requirements as are applicable to the various Courses.

4. Application forms and copies of the Admission Regulations and the Regulations governing University Courses may be obtained from the University Offices at Msida.

5. Application forms (in duplicate) must be returned by Friday, 7th May, 1976.

Office of the University,
Msida, 25th March, 1976.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*